MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2010

Numru. 48/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Johnny Bigeni bin Carmel u Rose nee' Camilleri, imwieled fit-8 ta' Dicembru, 1992 u residenti fil-fond 59,
Triq tad-Duru, Nadur, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 2693(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Johnny Bigeni li gie akkuzat talli nhar il-15 ta' Novembru, 2009, ghal habta ta' 03:30hrs f'diversi toroq f'Ghawdex u b'mod partikolari fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex:

1) Saq motor cycle FAL 601 meta ma kienx fil-pussess ta’ licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta;
2) Talli uza u saq motor cycle FAL 601 fit-toroq meta ghall-uzu ta’ din il-vettura minnu ma kinitx issehh polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni;
3) Talli fl-istess data, hin u post b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat bil-motor cycle FAL 601 u nvolontarjament ikkaguna hsarat b’detriment ghal ommu Rose Camilleri;
4) U aktar talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Ghawdex moghtija mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. nhar is-16.07.2009;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija timpedixxi lill-impuat milli jkolli jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoniji giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu bzonn gwida f’hajtu biex ma jergax jikkommetti reati simili;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15 (1) tal-Kapitolu 65, Artikolu 3 tal-Kapitolu 104, Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-

akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena mil-lum kif ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fiz-zmien li huwa jinsab taht din l-Ordni ta' Probation;

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------